

Brussell, 11 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12790/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0325(NLE)**

**WTO 314
AGRI 415**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 729 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li teżenta ċertu xiri ta' oġġetti tal-ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 729 final.

Mehmuż: COM(2020) 729 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2020
COM(2020) 729 final

2020/0325 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li teżenta ċertu xiri ta' oġġetti tal-ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar proposta li għandha l-għan li teżenta x-xiri ta' oġġetti tal-ikel għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali mill-Programm Dinji tal-Ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill għandha l-għan li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex f'isem l-Unjoni tappoġġa deċiżjoni li għandha tittieħed fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġiet stabbilita permezz tal-Ftehim ta' Marrakesh ("Ftehim tad-WTO") li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea hija parti għal dak il-Ftehim.

2.2. Il-Konferenza Ministerjali u l-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.

Madankollu, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn laqgħa u oħra tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, il-korpi tad-WTO jagħmlu hilitom biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'konsensus.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-paragrafu 2(a) tal-Artikolu XI tal-GATT tal-1994 jippermetti lill-Membri tad-WTO jimponu projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli, inkluż l-ikel għal skopijiet umanitarji, soġġett għad-dixxiplini stabbiliti fl-Artikolu 12 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja.

Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, xi Membri tad-WTO reġgħu lura għall-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet jew projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO, fil-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2020 jew f'laqgħa sussegwenti fl-2021, jista' jintalab jadotta deċiżjoni mmirata lejn l-eżenzjoni ta' xiri umanitarju mhux kummerċjali ta' oġġetti tal-ikel mill-Programm Dinji tal-Ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.

Il-proposta hija ppreżentata minħabba l-appoġġ umanitarju kritiku pprovdut mill-Programm Dinji tal-Ikel, li sar iktar urġenti fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u kriżijiet oħra.

Id-deċiżjonijiet fid-WTO jittieħdu b'konsensus. Għalhekk, il-Kunsill jeħtieġ li jadotta Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE biex l-UE tkun awtorizzata tingħaqad mal-konsensus.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tingħaqad ma' konsensus dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni li teżenta x-xiri ta' oġġetti tal-ikel għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali mill-Programm Dinji tal-Ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, possibbilment saħansitra fil-laqgħa ta' Diċembru 2020 tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO jew f'laqgħa sussegwenti tal-Kunsill fl-2021.

Mill-perspettiva tal-Unjoni, deċiżjoni f'waqtha mill-Kunsill biex jingħaqad mal-konsensus dwar din il-kwistjoni fil-Kunsill Ġenerali hija kruċjali biex tiġi sostnuta l-pożizzjoni tal-UE fid-WTO, b'mod partikolari meta jitqies il-kuntest umanitarju urġenti tal-kwistjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO hija korp stabbilit permezz tal-Ftehim tad-WTO, li skont l-Artikolu IV:1 għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha koperti taħt kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet kummerċjali multilaterali, inkluż id-deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali.

Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, fl-intervalli bejn laqgħa u oħra tal-Konferenza Ministerjali, il-funzjonijiet tagħha jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali.

L-atti previsti msemmija hawn fuq jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali, peress li dawn jistgħu jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Princġipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO se jissupplimenta l-Ftehim tad-WTO billi jeskludi l-oġġetti tal-ikel li jkunu nixtraw għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali mill-Programm Dinji tal-Ikel mill-projbizzjonijiet jew mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, jixraq li jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li teżenta ċertu xiri ta' oġġetti tal-ikel mill-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 1994, il-Ftehim ta' Marrakesh li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Ftehim tad-WTO”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (“WTO”) għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt kwalunkwe Ftehim Kummerċjali Multilaterali.
- (3) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-Ftehim tad-WTO, il-funzjonijiet tal-Konferenza Ministerjali għandhom jitmexxew mill-Kunsill Ġenerali tad-WTO fl-intervalli bejn laqgħa u oħra tal-Konferenza Ministerjali.
- (4) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, il-korpi tad-WTO, meta jkun possibbli, isegwu l-prassi li jieħdu deċiżjonijiet b'konsensus.
- (5) Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO, matul il-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2020 jew f'laqgħa sussegwenti fl-2021, jista' jintalab jikkunsidra proposta mmirata lejn l-eżenzjoni ta' oġġetti tal-ikel li jkunu nxtraw għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali mill-Programm Dinji tal-Ikel tan-Nazzjonijiet Uniti mill-projbizzjonijiet u mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO, peress li d-deċiżjoni li għandha tiġi adottata se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (7) Il-paragrafu 2(a) tal-Artikolu XI tal-GATT tal-1994 jippermetti lill-membri tad-WTO japplikaw projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni f'ċirkostanzi speċifiċi. L-Artikolu 12 tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Biedja jispeċifika kundizzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu osservati mill-Membri tad-WTO f'każijiet bħal dawn. Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-Membri tad-WTO rrikorrew għal miżuri bħal

¹ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1

dawn, li jistgħu jaffettwaw ukoll l-oġġetti tal-ikel li jkunu nixtra għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali.

- (8) Ix-xiri umanitarju mill-Programm Dinji tal-Ikel jenħtieġ li jkun eżentat minn projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fid-dawl tal-appoġġ umanitarju kritiku pprovdut mill-Programm Dinji tal-Ikel, li sar saħansitra iktar kruċjali matul il-pandemija tal-COVID-19.
- (9) Fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO, l-Unjoni tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Kunsill Ġenerali tad-WTO”), fil-laqgħa tiegħu ta’ Diċembru 2020 jew f’laqgħa sussegwenti fl-2021, għandha tkun din li ġejja:

Jekk jintlaħaq konsensus fost il-Membri tad-WTO għall-eżenzjoni ta’ oġġetti tal-ikel li jkunu nixtra mill-Programm Dinji tal-Ikel għal skopijiet umanitarji u mhux kummerċjali mill-applikazzjoni ta’ projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, l-Unjoni għandha tingħaqad ma’ tali konsensus. Bidliet żgħar fir-rigward ta’ dak l-abbozz ta’ pożizzjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*